Preż: €15.00c
Reġistru €
Notifika €
€
Ħlas:

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 12 ta' Ġunju 2025

Lil (i) **Gvern ta' Malta u l-Awtorita' ta' l-Artijiet**
(ii) **L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta**

Permezz ta' preżenti, is-soċjeta **MIDI plc** (C 15836) filwaqt li tagħmel riferenza għall-ittra uffiċjali bin-numru 2666/25 tibda' billi fl-ewwel lok tagħmilha ċara li hi qed tirrespinġi bħala nfondati l-allegazzjonijiet minnkom magħmula fl-imsemmija ittra uffiċjali. Il-mittenti qiegħdha minn issa iżżomkom responsabbli għall-ħsarat u għad-danni kollha, serji, li l-istqarrijiet pubbliċi li saru u l-intavolar ta' l-ittra uffiċjali qed jikkawżaw lill-mittenti.

Is-soċjeta mittenti kategorikament tiċħad l-allegazzjoni tagħkom li hija naqset milli tikkonforma mal-obbligi kuntrattwali tagħha taħt klawsola 8 tal-konċessjoni enfitwetika tas-sena 2000 fl-atti tan-Nutar Miceli. Il-mittenti tirrifjuta wkoll il-pretensjoni tagħkom li hemm xi dewmien li mhux permess mill-istess konċessjoni jew li per konsegwenza hemm dovuti xi penali. Il-mittenti iżżid tgħid li ma hemm l-ebda bażi biex intom tgħaddu (kif qed theddu li ser tagħmlu) li tirrexxindu l-konċessjoni enfitewtika.

Il-klawżola 8.1.4 tal-konċessjoni ta' ċens mhux l-unika klawżola li tirregola t-tlestija ta' dan il-proġett. Kuntrarjament għal dak minnkom imsemmi, jirriżulta li l-konċessjoni enfitewtika fiha dispożizzjonijiet espressi li awtomatikament jestendu d-dati ta' skadenza kuntrattwali u dan meta jirriżulta dewmien minħabba fatturi barra mill-kontroll tal-mittenti.

B'mod partikolari issirilkom riferenza għall-artikolu 13.2 tal-konċessjoni enfitewtika li jistipula illi fejn il-ħruġ ta' liċenzja, permess, jew awtorizzazzjoni msemmija fl-Iskeda 23 hija indispensabbli għat-twettiq ta' kwalunkwe obbligu taħt il-konċessjoni, il-limiti ta' żmien għall-prestazzjoni jiġu estiżi awtomatikament bil-perjodu li jibda tliet xhur mid-data tal-applikazzjoni sad-data tal-għoti tal-permess u fil-każ li l-permess jkun suġġett għal kundizzjonijiet li ma jiddependux esklussivament mill-mittenti, sad-data tal-avverar ta' dawk il-kundizzjonijiet.

Il-partijiet għal kuntratt għarfu espliċitament li l-proċessi amministrattivi huma lil hinn mill-kontroll tal-mittenti u għalhekk ftehmu, permezz ta' dawn il-klawżoli fil-konċessjoni, għal estensjoni awtomatika ta' żmien għad-dewmien assoċjat u dan sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-mittenti tiġi penalizzata minħabba affarijiet li m'għandhiex kontroll fuqhom. Dan il-mekkaniżmu fil-konċessjoni irid jinftiehem ukoll fl-isfond tal-obbligu assunt mill-Gvern fl-Artikolu 13.1 li jagħmel li jista' biex jiżgura l-ipproċessar rapidu tal-applikazzjonijiet.

Minbarra dan, l-Artikolu 17.1 tal-konċessjoni jistipula b'mod ġenerali li l-ebda parti m'għandha tkun responsabbli għad-dewmien fit-twettiq tal-obbligi jekk tali dewmien jirriżulta minn kwalunkwe avveniment jew ċirkostanza barra mill-kontroll tagħha. Tali dewmien ma jikkostitwix ksur tal-konċessjoni u ż-żmien għat-twettiq jiġi estiż awtomatikament b'perjodu ekwivalenti għal dak li matulu t-twettiq huwa impedit. Tali avvenimenti u ċirkostanzi kienu preżenti mal-medda ta' din l-konċessjoni.

In oltre, il-konċessjoni (fl-artikolu 16 u l-paragrafu 2 tal-iskeda 26) tindirizza speċifikament dewmien ikkawżat minn sejbiet arkeoloġiċi fis-siti in kwistjoni. Il-konsegwenza kontrattwali espressament stipulata hija dik ta' sospensjoni tal-obbligi u l-estensjoni awtomatika tad-dati ta' skadenza għat-tul ta' kwalunkwe waqfien obbligatorju jew impediment sostanzjali għax-xogħlijiet. Kif għandkom tkunu tafu ben tajjeb kien hemm numru ta' sejbiet arkeoloġiċi fuq Manoel Island li rriżultaw f'dewmien, spejjeż u tibdil materjali fil-pjanti.

L-effett kumulattiv ta' dan id-dewmien ma kienx tort tal-mittenti. Meta dan id-dewmien jiġi vvalutat fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet li jistipulaw sospensjoni ta' żmien jew estensjoni ta' żmien fl-istess konċessjoni, dan neċessarjament iwassal għall-konklużjoni li d-data ta' skadenza għat-tlestija sostanzjali tal-proġett ġiet estiża bil-perjodu totali attribwibbli għal dawn il-fatturi. Is-soċjeta' mittenti tikkontendi li s'issa hija intitolata għal estensjoni awtomatika ta' mill-anqas għaxar snin. Qed tintuża l-frażi "s'issa" għaliex l-estensjoni għada għaddejja peress li l-permess ta' żvilupp fuq Manoel Island għadu pendenti. Dan kollu m'għandux ikun ġdid għalikom tant illi waqt bosta diskussjonijiet li saru, saħansitra riċentement, qatt ma ikkontestajtu li l-konċessjoni kellha taħdem b'dan il-mod.

Il-mittenti tissottometti ulterjorment li l-preżentata ta' l-ittra uffiċjali tagħkom hija intempestiva.

Stabbilit dan, il-mittenti hija tal-fehma li t-theddida fl-ittra uffiċjali hija nfondata, mingħajr ebda bażi u saħansitra abbużiva u l-mittenti tisħaq li abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, u għal dawk ir-raġunijiet l-oħra li tista' ulterjorment tissolleva:

(i) Id-data ta' skadenza ġiet estiża awtomatikament skont it-termini tal-konċessjoni minħabba dewmien lil hinn mill-kontroll tal-mittenti;
(ii) Il-mittenti mhix fi ksur tal-obbligi kuntrattwali tagħha biex sostanzjalment tlesti l-iżvilupp;
(iii) L-ebda penali m'huma dovuti taħt il-Klawsola 8.1.4;
(iv) L-intimati m'għandhom l-ebda dritt li jirrexxindu l-konċessjoni enfitewtika; u
(v) Kull jum addizzjonali ta' dewmien fil-ksib tal-permess finali ta' żvilupp eżegwibbli għal Manoel Island ikompli jestendi d-data ta' skadenza taħt l-Artikolu 13 tal-konċessjoni.

Għaldaqstant il-mittenti tirrifjuta l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet magħmula fl-ittra uffiċjali mibgħuta minnkom u ssostni li aġixxiet, u tkompli taġixxi, skont l-obbligi tagħha taħt il-konċessjoni enfitewtika.

Il-mittenti tirriżerva wkoll id-drittijiet kollha tagħha skont il-liġi, inkluż id-dritt li tieħu azzjoni legali xierqa, skont il-każ.

Bl-ispejjeż.

**Av. Donald Vella**
Camilleri Preziosi
Level 3, Valletta Buildings
Triq Nofsinhar
Valletta

**Av. Marisa Vella**
Camilleri Preziosi
Level 3, Valletta Buildings
Triq Nofsinhar
Valletta

**Av. Kristina Rapa Manche'**
Camilleri Preziosi
Level 3, Valletta Buildings
Triq Nofsinhar
Valletta

**P.L. Jean Pierre Busuttil**

Mittenti: North Shore, Manoel Island, Gżira

Intimati: (i) Auberge de Baviere, St. Sebastian Street, Valletta VLT 2000
(ii) Transport Malta, Malta Transport Centre, Triq Pantar, Ħal Lija

12 JUN 2025

Illum............................ PL J.P. Busuttil
Ipprezentata mill..............................
bla dok,/b............/......... dokumenti